**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 12 ta' Jannar 2021.**

**Rikors nru: 172/2019 AGV**

**ABC f' isimha propju u bhala rapprezentant ad litem ta' uliedha CD u EC.**
**Vs**
**Dr Graziella Tanti u PL. Peter Sammut mahtura kuraturi deputati ghal assenti FGC b' digriet tat- 13 ta' Settembru 2019.**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors guramentat tar-rikorrenti datat 8 ta' Lulju 2019, fejn esponiet bir-rispett u ikkonfermat:-**

1. Illi l-partijiet kkuntrattaw iz-zwieg taghhom nhar l-14 ta' Jannar 2004, skont kif jidher mic-certifikat taz-zwieg taghhom li kopja tieghu qed tigi hawn annessa u esebita, mmarkat Dok. A, u minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal D u EC li llum ghandhom ghaxar u tlett snin rispettivament.

2. Illi z-zwieg tal-partijiet tfarrak u tkisser rrimedjabilment minhabba ragunijiet rikonoxxuti fil-ligi, fosthom abbandun ghal aktar minn sentejn da parti tal-intimat Abnan Shaban u minhabba nkompatibilita' ta' karattri.

3. Illi l-esponenti giet awtorizzata tipprocedi f'din l-istanza permezz ta' digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti datat 8 ta' Mejju, elfejn u dsatax (2019), illi kopja tieghu qed tigi annessa ma' dan ir-rikors u esebita u mmarkat Dok. B;

4. Illi madwar sentejn u nofs ilu, l-intimat telaq mid-dar matrimonjali u siefer fil-Libya bla kliem u bla sliem u qatt aktar ma rega' gie Malta.

5. Illi ma hemmx posibblita' ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

6. Illi dawn il-fatti hawn fuq dikjarati huma a diretta konoxxenza tal-esponenti.

**B. Raguni ghat-talbiet f' dawn il-proceduri;**

7. Illi l-prezenti proceduri qeghdin isiru sabiex, tigi ddikjarata s-separazzjoni personali a mensa et thoro, bejn il-kontendenti minhabba ragunijiet fuq premessi u rikonoxxuti fil-Ligi.

**C. Talbiet attrici;**

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti in vista ta' dak kollu fuq premess, titlob lil dina Onorabbli Qorti joghgobha:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali mensa et thoro bejn il-partijiet minhabba ragunijiet fuq premessi u rikonoxxuti fil-Ligi, imputabbli lill-konvenut.

2. Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri D u EC lir-rikorrenti, bi dritt ta' access ghal-intimat jekk ikun il-kaz.

3. Tiffissa retta alimentarja xierqa pagabbli mill-intimat lir-rikorrenti u ghall-minuri ulied imsemmija.

4. Tillikwida u xxolji l-komunjoni tal-akkwsiti ezistenti bejn il-partijiet, okkorendo bl-opera ta' periti nominandi.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li jibqa' minn issa ingunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati Dr. Graziella Tanti u PL Peter Sammut fejn esponew bir-rispett;

1. Illi l-esponenti kuraturi deputati mhumiex edotti mill-fatti de quo, u lanqas ghandhom mezz jew hjiel ta' fejn jistghu jikkomunikaw mal-assenti FGC minhabba ragunijiet li gew spjegati fir-rikors guramentat u nota guramentata.

2. Illi fid-dawl ta' dan, l-esponenti kuraturi deputati ma humiex edotti mil-fatti de quo u ghalhekk qed jirriservaw d-dritt taghhom li jipprezentaw risposta motivata u ulterjuri flimkien ma' lista ta' xhieda u dokumenti jekk ikun il-kaz, f' kaz u jekk jigu edotti mil-fatti.

Salv risposta ulterjuri.

Bl-ispejjez.

**<u>FATTI</u>**

1. Il-konjugi zzewwgu fl-14 ta' Jannar, 2004 u minn dan iz-zwieg kellhom zewgt itfal DC u EC li ghandhom ghaxar snin u tlett snin rispettivament.

   L-attrici tispjega li xi sentejn u nofs ilu, il-konvenut qabad u abbandunahom u telaq lejn il-Libja bla ma nfurmahom. Minn dakinhar m'ghamel l-ebda kuntatt maghha u ma' uliedu.

Dwar il-manteniment tippreciza li ma jircevux manteniment minghand il-konvenut u jghixu mill-ghajnuna socjali.

Tikkonferma li hi u uliedha jghixu gewwa appartament mikri f'B' Kara b'kera ta' €600 fix-xahar u tircievi sussidju minghand il-Gvern ghall-kera.

Bhala assi, l-attrici tikkonferma li ma kellhom xejn li jappartjeni lill-komunjoni tal-akkwisti, ghax anke l-fond mikri, huwa mikri « furnished. »

**KONSIDERAZZJONIJIET**

**RESPONSABBILITA'**

L-attrici kkonfermat li l-konvenut zewgha kien telaq minn Malta xi sentejn u nofs ilu, bla ma taha pre-avviz u minn dakinhar qatt ma ghamel kuntatt maghha u ma' uliedu.

L-attrici kkonfermat li qatt ma kienet taf ir-raguni ghalfejn il-konvenut telaq lejn il-Libya u lanqas kellha informazzjoni jekk kienx qed jahdem hemmhekk u lanqas kienet taf fejn kien jinstab.

Fid-dawl ta' dawn ic-cirkostanzi, hemm provi bizzejjed sabiex il-konvenut jinzamm responsabbli ghat-tifrik taz-zwieg minhabba abbandun.

**KURA U KUSTODJA**

Jirrizulta li l-konvenut ilu ma jaghmel kuntatt ma' uliedu 'l fuq minn sentejn u ghaldaqstant dan huwa prova lampanti li m'ghandux interess fihom, sfortunatament ghax minn igib lit-tfal fid-dinja ghandu jrabbihom u jiehu hsiebhom.

Ghaldaqstant. Il-kura u kustodja ghandha tkun esklusivva ghall-attrici.

**MANTENIMENT**

L-attrici ghamlitha car li mhux qed tirrinunzja ghad-dritt taghha u ta' uliedha u dan meta llum tghix mill-beneficcji socjali.

Ghandu jigi rilevat ukoll, li minhabba li l-attrici ma tafx fejn huwa l-konvenut kien difficli ghaliha li tressaq provi fuq l-introjtu tieghu .

Hija prassi ta' dina l-Qorti, li anke ghal min hu bla xoghol, ugwalment jissussisti l-obbligu ta' manteniment minimum li huwa ta' €200 fix-xahar. Fin-nuqqas ta' informazzjoni dwar l-introjtu tal-konvenut, dina l-Qorti ser ikollha timxi minn dak li generalment jigi deciz mill-Qrati f'cirkostanzi simili u cioe' li takkorda manteniment minimu ta' €200 fix-xahar ghall-minuri, li ghandu jithallas mill-konvenut permezz ta' standing order fil-kont bankarju tal-attrici.

L-ispejjez edukattivi u tas-sahha ghandhom jigu mhallsa mill-konvenut.

**KOMUNJONI TAL-AKKWISTI**

Peress li mill-provi jirrizulta li m'hemmx assi fil-komunjoni tal-akkwisti, dina l-Qorti m'ghandhiex x'tillikwida u tassenja.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi dina l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:-

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici minhabba l-abbandun tal-konvenut.
2. Tilqa' t-tieni talba esklussivament ghall-attrici.
3. Tilqa' t-tielet talba u tordna lill-konvenut biex ihallas manteniment fis-somma ta' €250 fix-xahar ghall-minuri, liema somma tinkludi nofs l-ispejjez ordinarji edukattivi u tas-sahha.
4. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' dina t-talba stante li ma hemm l-ebda assi appartenti lill-komunjoni tal-akkwisti.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**Onor. Imhallef Anthony Vella** **Registratur**